MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2360/1996/1

**John Fleri**

**Vs**

**George Falzon u martu Rosaria Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur jahdem mal-Public Transport Association bhala bus inspector;

Premess illi fis-7 ta' April 1996 l-attur waqt li kien fuq xoghlu jistenna karozza tal-linja gejja mill-Belt huwa ra lill-konvenut bil-karozza tal-linja tieghu numru Y-0661 rotta

numru 19 fejn il-Kurcifiss ta' Haz-Zabbar sejjer lejn Wied il-Ghajn u dan kien fid-9:15 a.m.;

Premess illi fid-9:20 a.m. l-attur ra lill-konvenut George Falzon diga` qieghed fejn ir-roundabout ta' Haz-Zabbar vojt u ghalhekk il-konvenut ma kompliex ir-rotta tieghu sa hdejn il-Jerma Hotel, Wied il-Ghajn kif suppost ghamel ghax huwa impossibbli li jmur Wied il-Ghajn u lura Haz-Zabbar f'hames minuti;

Premess illi ghalhekk l-attur irrapporta lill-konvenut lill-Public Transport Association u lill-Public Transport Authority li l-konvenut m'ghamilx xoghlu;

Premess illi fil-11 ta' april 1996 l-attur mar jiehu te` minn bar f'Haz-Zabbar u hemm kien hemm il-konvenut, u l-attur avzah likien irraportah kif deskritt hawn fuq;

Premess illi l-konvenut qabad u hebb ghall-attur, beda jaghtih bil-ponn fuq wiccu u tefghu ma' l-art u kkawzalu danni personali (Dok. A – J);

Premess illi sid il-bar Joseph Borg u d-despatcher certu Angelo zammew lill-konvenut ghax kieku il-konvenut kien jibqa' jaghti lill-attur;

Premess illi l-attur mar ilahlah wiccu fil-latrina pubblika u kif kien hemm il-konvenut dahal warajh u rega' habb ghalih u wara ftit dahal l-istess despatcher u zammu;

Premess illi l-attur ghamel rapport l-Ghassa u imbaghad mar il-Policlinic ta' Rahal Gdid u aktar tard dawk irreferewh l-Isptar San Luqa;

Premess illi l-attur kellu jibqa' barra mix-xoghol ghal xahar u cioe` mit-12 ta' April sat-12 ta' Mejju 1996;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut George Falzon kien responsabbli ghall-incident fuq deskritt tal-11 ta' April 1996 meta huwa hebb ghall-attur, tah daqqiet ta' ponn

f’wiccu u tefghu ma’ l-art u rizultat ta’ dan l-incident l-attur sofra danni anke personali u dan sehh tort tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni li sofra l-istess attur rizultat ta’ l-incident fuq indikat tal-11 ta’ April 1996;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni fuq likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew minn minnhom;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn huma eccepew:-

a Illi t-talbiet ta' l-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attur b'dan peress li hu michud kompletament l-allegazzjonijiet fic-citazzjoni odjerna

b Illi fid-data tas-7 ta' April 1996 il-konvenut ghamel rotta kif kien obbligat li jaghmel u cioe` sal-Jerma Hotel u jibqa' tiela lura issa qed johrog b'mod car li l-attur ivvinta storja u qed jipprova johloq inkwiet fil-konfront ta' l-attur (*sic*) ghar-rigward tal-fatt li ma ghamilx l-imsemmija rotta liema haga ser tigi ppruvata facilment u ghalhekk tikkonferma n-nuqqas ta' kredibilita` ta' l-istess attur;

c Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jigi stabbilit illi kien hemm verament glieda, din kienet kompletament ippovokata u inizjata mill-istess attur li qed jipprova johloq tensjoni u problemi u akkuzi fil-konfront tal-konvenut li se mai gew kagunati minnu u dan kif ser jigu ppruvati ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

d Illi jekk kien hemm xi hsara ta' qualunque xorta l-attur kien responsabbli u huwa ghandu jerfa l-piz tal-hsara;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lill-attur u lix-xhieda prodotti mill-kontendenti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process u senjatament in-noti pprezentati mid-difensuri;

Semghet lill-istess difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din il-kawza biex il-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-glieda li kien hemm bejn il-kontendenti f'April 1996 meta l-attur jallega li l-konvenut hebb ghalih u kkagunalu feriti; talab ukoll illi jigu likwidati d-danni minnu hekk sofferti u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont hekk likwidat;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jeccepixxi illi din hija kollha storja inventata mill-attur u jekk kien hemm qatt xi glieda dina giet ipprovokata u inizjata mill-istess attur;

Illi l-attur ipprezenta affidavit dettaljat ta' dak li gara u anki nstemgha mill-Qorti aktar minn darba. Illi rrizulta li l-konvenut George Falzon huwa driver u dik il-habta kien fuq ir-rotta ta' Haz-Zabbar waqt li l-attur huwa dispatcher inkarigat mill-vjaggi li jaghmlu d-drivers bix-*charabancs*. Illi gurnata minnhom huwa innota illi l-konvenut kien qabez bicca mir-rotta fis-sens illi minflok minn Haz-Zabbar baqa' niezel lejn Wied il-Ghajn u l-Jerma Hotel, u dan kif qabad it-triq ta' Wied il-Ghajn dawwar u rega' lura lejn Haz-Zabbar fid-direzzjoni tal-Belt u dan presumibilment ghaliex minghajr ma kompla r-rotta tieghu sa Wied il-Ghajn; huwa spjega ghaliex kien ghamel dina l-allegazzjoni u zied illi ma kienx possibli li f'hames minuti minn Haz-Zabbar tinzel sal-Jerma u terga' titla';

Illi l-konvenut minn naha tieghu jghid illi huwa kien korrett f'dak kollu li ghamel u huwa baqa'niezel sa Wied il-Ghajn u li l-istorja kienet qed tigi ivvintata mill-attur;

Illi meta l-attur mar jghid lill-konvenut b'dak li kien innota u li kien sejjer jaghmel rapport, dana ha ghalih u qabad itih b'mod pjuttost goff tant illi z-zewg partijiet spiccaw bid-demm; jigi rilevat illi anki s-sid tal-bar fejn saret il-glieda innota li fuq il-mejda kien hemm tracci tad-demm.  Wara il-glieda l-attur ittiehed l-isptar minn wiehed mill-impjegati tat-Trasport Pubbliku u dan wara li huwa kien mar jirrapporta l-kaz anki lill-Pulizija.  L-attur esebixxa wkoll id-dokumenti relattivi;

Illi minn naha tieghu l-konvenut in sostenn tat-tezi tieghu ressaq lil zewg drivers ohra jew impjegati tat-trasport li xehdu quddiem il-Qorti li ma haditx pero` impressjoni wisq tajba tal-verzjonijiet li huma taw; ix-xhud Anthony Casha lanqas wera wisq serjeta meta, wara li l-attur qallu b'dak li kien innota u b'dak li kien sejjer jirrapporta huwa qallu "jiena ghidtlu li ser tirrapporta u ser taqla l-inkwiet ghal xejn" - l-iskuza li pprova jaghti xejn ma kienet plawsibbli ghall-Qorti - infatti minn Haz-Zabbar il-konvenut ghadda imma l-attur kien qed jirrapporta mhux li ma ghaddiex minn Haz-Zabbar imma illi kien qabez il-parti t'isfel tal-vjagg.   Dan ix-xhud ghalkemm ipprova jiskolpa lill-konvenut dwar in-nuqqas li kien irrapporta l-attur (fatt li fih innifsu huwa estraneu ghall-vertenza meritu ta' din il-kawza) qal li dwar din il-glieda ma kien jaf xejn - "fuq domanda tal-Qorti jiena la rajthom jiggieldu u lanqas xejn, xejn" - dan ghalkemm il-konvenut stess indika lil dan ix-xhud Anthony Casha biex jixhed "dwar il-fatti";

Illi x-xhud l-iehor li l-konvenut ukoll ressaq biex jixhed dwar il-fatti tal-kaz, li jismu Anglu Fenech, mill-ewwel hasel idejh u beda biex qal: "jiena ma nafx li gara xi incident bejn Fleri u Falzon"; fl-istess paragrafu kompla pero` jghid: "smajt storbju u ghajjat u rajthom imqabbdin f'xulxin.  Kienu gol-hanut gewwa."  Spicca biex ammetta li rahom b'diversi griehi fuqhom;

Illi fuq suggeriment tal-Qorti tressaq ukoll is-sid tal-hanut u dan nistghu nghidu li nkuruna sensiela ta' xhieda jekk mhux giddibin almenu reticenti u ovvjament intizi biex jiddefendu lill-konvenut;

Illi dan is-sid tal-hanut Joseph Borg biex ma jmurx jghid xi haga dwar il-glieda qal li dak il-mument tela' fis-sular ta' fuq tal-hanut biex igib iz-zokkor; ma setax jghid bhal l-ohrajn li ma jafx li ggieldu; ma jidhirx li ghandu xi difett fis-smiegh pero` kull ma sama' (wara glieda li wasslet lill-partijiet l-Ghassa u ghand it-tabib bil-griehi - ara ritratti esebiti) kien "jiena smajt li kien hemm xi hoss u jidher li wara rrizultali li kien siggu li waqa'". Il-Qorti ppruvat tavzah li ma kienetx qed temmnu izda hu kkonferma li sama' biss dak il-hoss tas-siggu. Ir-risposta cara tieghu ghat-twissija tal-Qorti kienet "il-Qorti qed tistaqsini kif smajt siggu jaqa' u ma smajtx jekk kienux qed jiggieldu l-kontendenti u nghid le li ma smajt xejn, naf li s-siggu waqa' u smajtu. Jiena nghid li naf li llitikaw, u meta d-difensur ta' l-attur qed jistaqsini jekk nafx li ggieldu, nghid ma nafx. Kull ma naf hu peress li waqa' s-siggu nahseb li ggieldu. Qed nigi mistoqsi jekk rajtx lil Fleri bid-demm f'wiccu, inwiegeb ma jidhirlix.";

Illi jrid jigi rilevat li sa mill-bidunett ta' dawn il-proceduri kien ovvju li z-zewg nahat kienu qed jaghtu verzjonijiet diametrikalment opposti u allura kif gustament osserva l-konvenut fin-nota finali tieghu, din kienet kawza bazata fuq il-kredibilita`; jigi rilevat li f'din il-kawza il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' lix-xhieda kollha direttament u f'dawn ic-cirkostanzi qaghdet ferm attenta izjed mis-soltu biex twiezen il-verzjonijiet u taghmel il-mistoqsijiet diretti mehtiega biex tkun tista' tasal ghall-verita`;

Illi sfortunatament il-konvenut ma tax ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti imma biss permezz ta' affidavit miktub b'lingwacc xejn ortodoss u illi ma jinhass li huwa wisq konvincenti;

Illi wara dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti ma ghandha lanqas l-icken dubju li l-verzjoni ta' l-attur hija ferm aktar verosimili waqt li dik tal-konvenut hija ghal

kollox montatura; dan qed jinghad wara li l-Qorti ftakret bi pjacir il-kwotazzjoni mehuda mill-poezija ta' Robert Burns u b'anqas pjacir l-asserzjoni gratuwita tad-difensur tal-konvenut dwar l-imhabba tal-konvenut ghad-deheb jew l-ilbies tieghu;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax bl-akbar skantament (almenu!) is-sottomissjoni tal-konvenut fl-imsemmija nota responsiva tieghu fil-parti finali ta' dawn l-atti meta huwa rreferi ghax-xhieda tieghu u stqarr "ta' min isemmi wkoll il-kredibilita` tal-konvenut bil-mod kif anki rrisponda meta tela' fuq il-pedana fejn spjega minghajr tlaqliq ta' xejn u hareg b'mod car in-nuqqas ta' kredibilita` da parti ta' Fleri". Donnu l-konvenut nesa li huwa qatt ma ta x-xhieda tieghu u possibbilment gie darba wahda biss minn aktar minn ghoxrin differiment li ghaddiet minnu din il-kawza; il-Qorti ma tifhimx kif seta' jirreferi ghal pedana meta huwa qatt ma ta x-xhieda tieghu ghalkemm tista' timmagina li huwa kien qed ihawwad dawn il-proceduri ma' xi proceduri kriminali ohra illi huwa kien semma fl-affidavit tieghu;

Illi in fatti biss mix-xhieda tieghu il-Qorti giet imgharrfa li huwa kien diga` gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar l-istess kaz, in fatti huwa jistqarr "nixtieq inzid li fil-fatt meta gejt imressaq mill-pulizija jiena gejt illiberat"; il-Qorti ma inghatat ebda forma ta' informazzjoni jew dettalji dwar dawn il-proceduri li naturalment huma ghal kollox differenti mill-azzjoni odjerna bhal ma huwa ghal kollox differenti wkoll il-kriterji li z-zewg Qrati ghandhom japplikaw fil-gudizzju taghhom;

Illi l-attur minn naha tieghu qed jitlob likwidazzjoni ta' danni u ghalkemm huwa ipprezenta prospett a fol. 32 tal-process dana ma jidhirx spjegattiv bizzejjed; il-Qorti stiednet il-partijiet biex jaghmlu sottomissjonijiet finali taghhom biex jispjegaw il-punti kollha involuti izda l-attur minn naha tieghu stqarr li ma kienx fehem x'kien l-iskop tal-verbal relattiv u "minhabba s-semplicita` tal-kaz" anqas kien ser jaghmel ir-risposta ordnata; huwa pero` ghamilha proprju biex jaghmel xi sottomissjonijiet zghar u evedentement wara li ezamina l-atti kollha f'dak l-istadju

avvanzat x'aktarx li fehem li l-prospett li huwa kien ipprezenta hafna zmien qabel kien sufficjenti;

Illi ghalhekk il-Qorti jkollha toqghod esklusivament fuq dan il-prospett peress li anki fl-affidavit ta' l-attur u fi drabi li huwa resaq biex jaghti x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, huwa ma ta ebda indikazzjoni ta' x'inhuma d-danni tieghu ghalkemm fl-affidavit isemmi li huwa "ghamilt xahar ma nahdimx minhabba dan"; minn naha l-ohra jidher pero` mill-istess prospett li anki meta ma hadimx l-attur xorta thallas ghalkemm bhala "sick leave" u dan hlief ghal vaganzi. Fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ahjar, il-Qorti tifhem li l-attur thallas dejjem pero` gew mnaqqsa lilu l-granet mis-sick leave (presumibilment il-festi lanqas jitnaqqsu minn dan is-*sick leave*) u anqas irrizulta li minhabba dan it-tnaqqis mis-*sick leave* sussegwentement kellu xi konsegwenzi u allura l-Qorti tifhem illi l-attur ma sofra ebda danni oltre dawk indikati fit-tieni parti tal-prospett.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti; u

Tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tiddikjara lill-konvenut George Falzon kien responsabbli ghall-incident fuq imsemmi tal-11 ta’ April 1996;

Tilikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' wiehed u tmenin lira Maltija (Lm81);

Tilqa' wkoll it-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltija (Lm81) bhala danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imghax li ghandhom jibdew jiddekorru mit-2 ta' April 1997 data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur